Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 52 / 2017

Il-Pulizja

Spettur James Grech

Vs

Joseph Falzon

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Falzon detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 560857 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli nhar is-7 ta' Marzu 2013 u / jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel din id-data, fil-Gzira u / jew f' lokalitajiet ohra f' dawn il-Gzejjer, minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega ta' document / i ghall-votazzjoni jew polza ta' votazzjoni lil xi persuna;

U aktar talli kien fil-pusses illegittimu ta' xi document / i ghall-votazzjoni u cioe' dawk - dak ta' Benedict Grech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 123378 M

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 112 (1) (c) u (e) tal-Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erba' mitt euro (€400).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Falzon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza u tillibera lill-appellant minn kull htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b' mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant u dan peress li la l-*actus reus* u lanqas il-*mens rea* ma gew pruvati mill-prosekuzzjoni.

Nuqqas ta' prova fuq l-actus reus:

Illi skond l-artikoli tal-ligi li bihom qieghed jigi akkuzat l-appellant, l-*actus reus* ma giex ippruvat peress li l-prosekuzzjoni naqset li tipprova in-ness bejn il-pulizija jew ahjar bejn minn ha l-voti minghand il-pulizja u l-appellant. Dan il-fatt ma kienx ikkontestat u koncess mill-prosekuzzjoni. Issegwi ghalhekk li la darba dan in-ness ma giex stabilit f' dan il-kaz l-illegittimta li trid il-ligi ma tista' qatt tigi ippruvata fic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz;

Illi aparti dan skond ix-xhud Benedict Grech stess, huwa kellu l-awtorizazzjoni li jigbor dan id-dokument minn ghand Joseph Falzon. Dan gie dikjarat bl-aktar mod car mill-prosekuzzjoni meta ix-xhud Benedict Grech kien qieghed jixhed. Fil-fatt quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kien gie mitlub li tinghata t-twissija lil Benedict Grech li dak li kien se jghid seta' jinkrimina lilu iniffsu. F' dak il-mument il-prosekuzzjoni iddikjarat dan li gej:

'Ma' ninsewx illi dan [Benedit Grech] kien inghata direzzjoni mill-Electoral Commission, ...'

Din id-dikjarazzjoni saret mill-prosekuzzjoni fid-dawl li Benedict Grech wara li ircieva t-telefonata minghand l-appellant Joseph Falzon, talab direzzjoni minghand Savour Gauci li kien ic-Chief Electoral Commissioner x' kellu jaghmel. Ghal din ir-raguni jekk kien hemm xi irregolarita, jew illegittimita fl-istatus ta' dawn id-dokument, ta' kif seta inhargu il-voti, din giet ratifikata bil-barka ta' Kummissjoni Elettorali. Jekk le, Benedict Grech stess ikkometta reat ukoll meta gabar il-vot minghand l-appellant, ghax jekk dawn il-voti kienu fi stat ta' illegalita, l-illegalita hija ghat-tnejn.

Nuqqas ta' prova fuq il-Mens rea:

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, bl-ebda mod immaginabli ma jista' jigi argumentat li f' dan il-kaz il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova li l-appellant ghamel dak li ghamel b' intenzjoni kriminali kif rikjesta bil-ligi. Qabel xejn tajjeb li jinghad li l-ispirtu tal-ligi hija li tizgura li kull minn hu intitolat ghal vot, jivvota! Xejn iktar u xejn inqas. Jidher li f' dan il-kaz, il-voti ta' Benedict Grech inghataw lill-persuna li ma kienitx awtorizzata minn Benedict Grech sabiex tigbor il-voti tieghu minn ghand il-pulizija. Allura ghax gara dan, Joseph Falzon kellu l-intenzjoni kriminali rikjesta mill-ligi meta huwa sua sponte mar u ta dawn il-voti lil Benedict Grech?

Illi kif iddikjarat l-Ewwel Qorti, ma hemm l-ebda raguni ghalfejn dak li qal Joseph Falzon jigi iddubitat. Joseph Falzon ma kienx jaf li dawn il-voti ittiehdu minghajr awtorizazzjoni u kull ma ghamel hu kien li wara li nstabu huwa mar jaghtihom lil Benedict Grech. Ovjament kieku kien jaf li dawn il-voti kienu ittiehdu b' mod mhux legali, ma kienx se johrog ghonqu sabiex jaghti dawn il-voti.

Ikkunsidrat;

Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti u dan meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, liema akkuzi huma imsejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att li jirregola l-Elezzjonijiet Generali. "Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi." (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn )

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellanti hati kenitx ben fondata fuq ir-rizultanzi u dan ghaliex huwa jilmenta b'mod generali illi l-elementi li isawwru r-reati li bihom hu jinsab akkuzat ma jirrizultawx ippruvati billi kemm provi dwar l-element formali, kif ukoll dak materjali tar-reat huma mankanti.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tirriproduci *verbatim* il-kliem tal-legislatur dwar il-mod kif ghandhom jitqassmu il-voti u minn min ghandhom jinzammu meta l-konsenja ma tkunx irnexxiet kif titlob il-ligi, billi huwa f'dan il-hsieb tal-legislatur illi tinsab ir-risoluzzjoni ghal din il-vertenza u ta' dak li kien mehtieg li jigi ippruvat mill-Prosekuzzjoni sabiex tigi stabbilita r-reita' fil-konfront ta'l-appellanti. Illi l-artikolu 46 tal-Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta ighid hekk dwar il-metodologija li ghandha tigi adoperata mill-Kummissjonarju Elettorali fit-tqassim tal-voti lill-eletturi:

"(3) Id-dokumenti għall-votazzjoni ..... għandhom, sakemm dawn jingħataw lill-eletturi, jinżammu f'kaxex siġillati bis-siġill tal-Kummissjoni. Id-delegati tal-partiti jkollhom il-jedd jagħmlu s-siġilli tagħhom fuq dawk il-kaxex u li jkunu preżenti kull meta dawk is-siġilli jinkisru. Dan l-artikolu għandu japplika wkoll mutatis mutandis għal dawk id-dokumenti għall-votazzjoni li jibqgħu ma jitqassmux, skont is-subartikolu (4), meta jinħarġu d-dokumenti għall-votazzjoni skont is-subartikolu (6), u għal dawk id-dokumenti għall-votazzjoni li jibqgħu ma jitqassmux.:"

"(4) Id-dokument għall-votazzjoni għandu jiġi nnotifikat lil kull elettur minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn persuna oħra maħtura għaldaqshekk mill-Kummissjoni, u dan id-dokument jitqies li ġie innotifikat bil-kunsinna tiegħu lill-elettur li għalih ikun indirizzat, jew lil persuna tal-età, li jew tkun toqgħod fl-istess indirizz jew li tkun fl-impieg tiegħu, fl-indirizz tal-elettur kif miġjub fir-Reġistru Elettorali. Il-partiti politiċi jkollhom il-jedd li kull wieħed jinnomina rappreżentant sabiex jakkumpanja lil kull uffiċjal ta Pulizija jew persuna oħra li jkunu qegħdin jagħmlu n-notifiki kif imsemmi qabel."

"(6) Meta l-Kummissjonarji ma jkunux jistgħu jesegwixxu n-notifika tad-dokument hawn fuq imsemmi huma għandhom, mill-aktar fis li jista' jkun, joħorġu fil-Gazzetta lista bl-ismijiet, numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu u indirizzi tal-persuni li ma jkunux ġew

innotifikati bid-dokument għall-votazzjoni, u għandhom jagħtu r-raġuni li għaliha ma tkunx saret in-notifika."

"(7) Kull min ma jkunx ġie innotifikat bid-dokument għall-votazzjoni u li ismu jkun miġjub fuq il-lista maħruġa skont is-subartikolu ta' qabel dan, jista' sal-Ħamis sew sew qabel il-ġurnatatal-elezzjoni, jidher quddiem wieħed mill-Kummissjonarji jew persuni oħra maħturin mill-Kummissjoni sabiex jagħmluha flok il-Kummissjonarji u jitlob il-kunsinna tad-dokument."

"8) Il-Kummissjonarju jew persuna oħra maħtura mill-Kummissjoni biex tagħmilha flok il-Kummissjonarji jista'jeżamina bil-ġurament kull persuna li hekk tidher sabiex jiżgura ruħu mill-identità tagħha u jara jekk għandhiex jedd li tirċievi d-dokument:
Iżda l-imsemmi dokument ma għandux jingħatalha kemm-il darba ma tipproduċix dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħha lill-Kummissjonarji."

"(9) Il-Kummissjoni għandha tippubblika minn fejn u f'liema ħinijiet l-eletturi jkunu jistgħu jirtiraw id-dokumenti għall-votazzjoni tagħhom skont ma hemm fis-subartikolu (7). Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi liema post trid minn fejn ikun u jistgħu jiġu irtirati d-dokumenti għall-votazzjoni li ma jkunux ġew konsenjati b'dan illi l-Kummissjoni għandha tippermetti żmien sew għall-ġbir ta' dokumenti minn kull lokalità u perijodu ta' żmien ieħor għall-ġbir tagħhom mill-uffiċċji tagħha."

Dan ifisser mela illi huwa biss fil-poter u diskrezzjoni tal-Kummissjonarju Elettorali li jiddeciedi kif u meta ghandhom jitqassmu u/jew jingabru l-voti u liema huma dawk in-nies awtorizzati biex jikkonsenjaw tali voti lill-eletturi. Mhux biss izda il-voti li ma ikunux gew ikkonsenjati ghandhom dejjem jinzammu f'kaxxi issiggillati. Issa l-pussess ta'vot f'idejn persuna mhux awtorizzata jista' biss ifisser illi dik il-persuna ghandha f'idejha vot b'mod illegittimu billi huwa unikament bil-mod kif hawn fuq imfisser illi

persuna jista' ikollha f'idejha il-voti ta'l-eletturi. Illi ukoll meta persuna tikkonsenja vot li ikollha f'idejha lill-elettur ukoll mhux bil-mod kif imfassal fil-ligi kif hawn fuq imfisser, dik il-konsenja ukoll tkun wahda irregolari u r-reati li jitkellem dwarhom l-artikolu 112(1)(c) u (e) jissussistu. Dan ghaliex dik il-persuna necessarjament tkun konxjament u volutament accettat fil-pussess taghha vot meta tkun taf ben tajjeb li ma ghandhiex l-awtorizazzjoni mehtiega mill-Kummissjonarju elettorali sabiex ikollha f'idejha dak il-vot u bl-istess mod allura meta taghmel il-konsenja tieghu lill-elettur li huwa intitolat ghal dak il-vot, illi dik il-konsenja lanqas ma hija hekk awtorizzata.

Illi din il-Qorti tista' tieqaf hawn ghaliex mill-atti probatorji johrog car illi l-appellanti kien jaf ben tajjeb illi kellu fil-pussess tieghu il-vot ta' Benedict Grech meta ma kienx awtorizzat ikollu f'idejh dak il-vot tant hu hekk illi meta Grech mar fl-ufficcju tal-Kummissjoni Elettorali sabiex jigbor il-vot tieghu u gie hemmhekk infurmat illi l-vot tieghu kien ingabar, wara ftit tal-hin gie ikkuntattjat mill-appellanti fejn infurmah illi l-vot kien fil-pusess tieghu. Mhux biss izda f'dik it-telefonata l-appellanti sahansitra ftiehem ma' Grech biex jiltaqa' mieghu halli jikkonsenjalu l-vot. Illi l-appellanti bhala ko-ordinatur distrettwali fi hdan il-partit li mieghu huwa affiljat , u dan ghal snin twal, messu kien jaf ben tajjeb illi l-vot ta' Grech ma messu qatt instab f'idejn dan l-ufficju distrettwali fl-Orpheum gewwa l-Gzira, tant hu hekk li ma iressaq l-ebda prova illi kien inghata xi permess mill-Kummissjonarju Elettorali sabiex jigbor il-voti mhux imqassma mill-Ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema fejn l-voti kellhom jinzammu. Kien jaf ben tajjeb allura illi l-pussess fi hdan l-ufficju li huwa kien qed jikkordina kien wiehed illegittimu, kif kien jaf ben tajjeb ukoll illi huwa ma keinx awtorizzat jikkonsenja l-vot lil Grech, kif fil-fatt kien pront ghamel meta gie infurmat minn xi terz li baqa' injot illi Grech kien qed jitlob li jigi lilu ikkonsenjat il-vot tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mil-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti billi hija wahda kemm legalment kif ukoll fattwalment gusta.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermeta fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur